MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Citazzjoni Numru. 757/1978/1

**Pawlu Attard**

**Vs**

**Anna armla minn Joseph Attard u b'digriet tas-sbatax (17) ta' Ottubru, 1978 Salvatore, Lina mizzewga Pace, Mary Rose mizzewga Spiteri u Carmelo ahwa Attard gew imsejhin fil-kawza; u b'digriet tas-sitta (6) ta' Frar, 1979 l-avukat Dr. Joseph Buttigieg u Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici gew nominati kuraturi biex jirrapprezentaw l-assenti Carmelo Attard; u b'digriet ta' l-20 ta' Frar, 1979 Anna Attard giet nominata kuratrici minflok l-Avukat Dr. Joseph Buttigieg u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici; u b'digriet tad-9 ta' Mejju, 1989 il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Nathalie mart Victor Spiteri u Maria maghrufa bhala Marisa mart Alfred Farrugia ahwa Pace, u dan fir-rigward tal-kjamata fil-kawza Lina Pace li mietet fil-mori tal-kawza; u b'digriet ta' l-4 ta' Gunju 1996 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta' Mario**

**Spiteri, Nathalie Spiteri u Maria Farrugia, minflok Anna Attard li mietet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi f'nofs Mejju ta' l-1978 miet Joseph Attard missier l-attur u r-ragel tal-konvenuta u halla fid-dar 6, Alley 2, Main Street, Lija fejn kien jabita, diversi oggetti konsistenti fi flus, deheb u ghamara li kienu jappartjenu lil omm l-attur li ilha mejta zmien twil;

Premess illi fost l-oggetti li hemm fid-dar imsemmija hemm ukoll curkett tad-deheb bl-inizjali ta' l-attur u ktieb tal-bank f'isem l-istess attur;

Premess illi l-konvenuta hija t-tielet mara ta' Joseph Attard fuq imsemmi;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tillikwida okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi, il-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejnha u l-mejjet Joseph Attard li tigi dikjarata li tikkonsisti f'dawk il-beni li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Tillikwida l-assi partikolari tal-mejjet Joseph Attard li jigu dikjarati li jikkonsistu f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti kif fuq likwidata u f'beni ohra li jistghu jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Tillikwida l-assi partikolari tal-konvenuta li jigu dikjarati konsistenti f'nofs il-komunjoni ta' l-akkwisti kif fuq likwidati u f'beni ohra li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' deskrizzjoni tal-5 ta' Gunju 1978;

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Anna armla Attard illi permezz taghha hija eccepiet:-

Illi preliminarment l-intempestivita ta' l-azzjoni billi qabel ma giet proposta l-azzjoni prezenti, l-attur messu interpella lill-eccipjenti halli taddivjeni ghal-likwidazzjoni;

Illi ghalhekk l-ispejjez ta' l-azzjoni ghandhom jigu akkollati lill-attur;

Bla pregudizzju ghall-premess, salv dejjem li d-drittijiet taghha ma jigux b'xi mod lezi, l-eccipjenti mhix kontra li tigi likwidata l-komunjoni ta' l-akkwisti bejnha u l-mejjet zewgha halli b'hekk tkun tista' tigi stabbilita l-kwota spettanti lill-eredi ta' zewgha;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenuta Anna armla Attard u l-lista tax-xhieda minnha indikata;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Salvatore Attard li permezz taghha huwa eccepixxa:-

Preliminarment jeccepixxi t-tempestivita ta' l-azzjoni billi l-eccipjenti kien messu gie interpellat qabel ma giet proposta l-prezenti azzjoni;

Bla pregudizzju ghall-premess l-eccipjent ma hux kuntrarju ghad-divizjoni mitluba mill-attur;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-imsejjah fil-kawza Salvatore Attard u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Lina Pace, Maria Spiteri u Anna Attard bhala kuratrici ta' Carmelo Attard (imsiefer) illi fiha huma eccipew:-

Illi huma ma jopponux ruhhom ghat-talba attrici salva verifika ta' l-assi ta' missierhom u tal-kwota lilhom spettanti;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-imsemmija konvenuti u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tas-27 ta’ Marzu 1979 li permezz tieghu gie nominat bhala perit gudizzjarju l-avukat Dr. Lorenzo Porsella Flores ifittex u jirrelata dwar it-talbiet attrici warali jiehu konjizzjoni ta’ l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet tal-15 ta’ Marzu 1990 li permezz tieghu l-imsemmi perit gudizzjarju gie esonerat mill-inkarigu u gie sostitwit bl-Avukat Dr. Carmelo Vassallo;

Rat id-digriet tat-28 ta’ Ottubru 1997 li permezz tieghu gie nominat AIC Renato Laferla biex jassisti lill-perit legali billi jaghmel l-istimi ta’ l-immobbli ta’ l-ereditajiet in kwistjoni;

Rat ir-relazzjonijiet tal-periti nominati li jinsabu a fol. 376 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Bl-att tac-citazzjoni qed tintalab biss il-likwidazzjoni, izda mhux ukoll, id-divizjoni ta' l-assi socjali konjugali gja ezistenti bejn missier l-attur u l-imsejha fil-kawza u l-konvenuta Anna Attard, it-tielet mara tal-missier Joseph Attard. Il-Qorti tinsab ghalhekk investita biex tiehu biss konjizzjoni tad-domandi relattivi ghal-likwidazzjoni. Il-qasma tkun naturalment trid issir b'gudizzju separat;

L-imsemmi Joseph Attard miet *ab intestato* fl-20 ta' Mejju 1978 u l-eredita` tieghu iddevolviet fuq il-hames uliedu, jigifieri l-attur bhala l-uniku wild mill-ewwel zwieg tieghu ma' Carmela nee` Camilleri, li mietet fl-10 ta' Frar 1934 u l-erba' ahwa l-ohra, cioe` Salvatore, Michelina mart Emanuele Pace, Maria mart Michael Spiteri u Carmelo, ilkoll ulied il-konvenuta Anna Attard;

Jirrizulta mill-kuntratt datat 28 ta' Lulju 1955 in atti Nutar Alexander Sceberras Trigona (fol. 77) illi l-attur kien biegh u ttrasferixxa lil missieru s-sehem lilu spettanti mill-wirt ta' ommu;

Jirrizulta wkoll illi l-konventa Anna Attard mietet testata fil-mori tal-kawza, precizament fil-21 ta' Ottubru 1991 u ghal finijiet tal-kawza b'digriet tad-19 ta' Gunju 1996 (fol. 216) il-gudizzju gie trasfuz f'isem Maria Spiteri, Nathalie Spiteri u Marisa Farrugia;

Jirrizulta wkoll illi l-kjamata in kawza Michelina Pace mietet fit-22 ta' Gunju 1982 u giet succeduta, anke fil-gudizzju, minn uliedha Nathalie mart Victor Spiteri u Maria sive Marisa mart Alfred Farrugia (fol. 140);

Il-kawza hawn proposta hi dik maghrufa fid-dritt Ruman bhala l-*actio familiae erciscundae*. Il-gurisprudenza ezistenti *in subjecta materia* hi kollha fis-sens illi fid-divizjoni ta' assi ereditarji jridu jingiebu fil-qasma dak kollu li jidhol f'dawk l-assi. Dan fit-termini tal-principju illi "*judex familiae erciscundae nihil debet indivisum relinquere*" - "**Assunta Chircop -vs- Pawlu Calleja et**", Appell Civili, 12 ta' Novembru 1951;

Il-perit legali illikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti gja ezistenti bejn Joseph u Anna Attard billi ghamilha tikkonsisti fl-attiv riportat a fol. 426 tal-process. Dan wara li ha in konsiderazzjoni l-istejjem tal-perit tekniku (fol. 376). Dan l-attiv qed jigi hekk elenkat:-

A. Immobbli
1. In-nofs ta' l-ewwel komunjoni li akkwista minghand l-attur, cioe` nofs 5/7, jew 5/14 tal-fond 4 (illum No. 6) Allej No. 2, Main Street, Lija (illum No. 6 Ramiro Barbaro Street, Lija. Lm2433.57
2. 17 St. James Street, Luqa. Lm9285.00
3. 19 Merino Street, Lija Lm24108.00

B. Mobbli
Skond id-Dokument X (Mandat ta' Deskrizjoni No. 519/78) fid-19 ta' Gunju 1978 fil-fond No. 6, Alley 2, Main Street Lija, fejn kien joqghod id-decujus, kien hemm dawn l-oggetti:
1. Kamra tas-sodda li fiha, sodda kbira tal-hadid, gradenza bil-mera, lavamann bil-mera, twaletta bil-mera, gwardarobba, komodina bil-mera, sitt siggijiet, hanger tax-xugamani, kannestrun, sitt inkwadri bil-gwarnici jirrapprezentaw qaddisin, zewg vazuni u arlogg tac-caqquf.
2. Kamra ta' l-ikel li fiha, sideboard, mejda, vetrina bi ftit fajjenza tal-hgieg u sitt siggijiet kollha ta' l-abjad.
Din l-ghamara hija ndikata fid-denunzja bhala tal-komunjoni ta' l-akkwisti u stmata Lm40.00

C. Depoziti
Skond id-Denunzja a fol. 81, fil-komunjoni kien hemm:
a) Bank of Valletta Fixed Deposit No. 18351/002 Lm300.00
b) Mid-Med Bank Fixed Deposit No. L133252 Lm300.00
c) £300 British Savings Bonds 8½% No. P90086 Lm218.56
Interessi sal-mewt Lm9.29
d) £100 British Savings Bonds No. R907351 Lm72.85

| | |
|---|---|
| Interessi sal-mewt | Lm3.08 |
| e) Interessi fuq Bank of Valletta deposit (a) mis-26 ta' Mejju 1977 sal-20 ta' Mejju 1978 | Lm14.75 |
| f) Interessi fuq Mid-Med Bank deposit (b) mit-30 ta' April, sal-20 ta' Mejju 1978 | Lm0.42 |

Dwar (a) skond il-Bank of Valletta (Palace Square) dan hu depozitat f'isem "Attard Giuseppe and/or his wife Annie" bin-numru (fixed deposit) 18351; u l-imghax sal-25 ta' Mejju 1985, jammonta ghal Lm130.19 (fol. 68); jaghlaq fis-26 ta' Mejju.

Dwar (b) skond il-Mid-Med Bank (Birkirkara) dan hu f'isem "Attard Giuseppe of late Paul and/or Anna" jaghlaq fit-30 ta' April; bl-imghax b'kollox fit-2 ta' Gunju 1986 (fol. 74) kien jammonta ghal Lm452.59,7.

| | |
|---|---|
| Total Attiv: | Lm36785.52 |

Minn dan l-attiv tnaqqset ir-rilevanza fis-somma ta' hamsa u tmenin lira, hamsa u disghin centezmu (Lm85.95) favur l-assi partikolari tal-konvenuta. Dan kif evidenzjat mill-atti tar-ricerki ta' Joseph Attard (fol. 85);

Hekk ukoll gew dedotti l-ispejjez ta' l-ahhar marda tad-decujus, kif manifest mill-istess denunzja tieghu (fol. 80 - 82). Dan ghaliex, kif jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Rosina Baldacchino -vs- Giuseppe Baldacchino**", Appell Civili, 5 ta' Marzu 1954, "l-ispejjez ta' l-ahhar marda tal-konjugi li miet jaggravaw fuq il-komunjoni ta' l-akkwisti li nhallet bil-mewt tieghu.";

L-assi ta' Joseph Attard gie likwidat mill-abbli perit legali fin-nofs tal-komunjoni ta' l-akkwisti assommat fl-attiv nett ta' sitta u tletin elf, sitt mija u sitta u tmenin lira Maltija u seba' centezmi (Lm36,686.07) ossija tmintax-il elf, tliet mija u tlieta u erbghin lira Maltija u tliet centezmi (Lm18,343.03);

Ma' dan l-ammont gie maghdud ukoll zewg settimi (2/7) tal-fond 6 Alley 2 Main Street, Lija (illum 6 Ramiro Barbaro

Street, Lija) li x'aktarx id-defunt kien akkwista b'wirt. Dan is-sehem gie stmat fl-ammont ta' elf disa' mija, sitta u erbghin lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm1946.86);

Jidher evidenti li l-perit legali naqas li jinkludi fost l-assi partikolari ta' Joseph Attard is-sehem ta' hamsa minn erbatax-il parti (5/14) mill-istess fond li kienu eskluzivament ta' dan id-decujus. Jirrizulta fil-fatt illi l-fond in diskussjoni gie akkwistat in kwantu ghal hamsa minn sebgha (5/7) partijiet tieghu minn Joseph Attard permezz ta' tliet kuntratti lkoll atti Nutar Emmanuele Agius u datati rispettivament 19 ta' April 1932 (fol. 148), 22 ta' April 1932 (fol. 159) u 22 ta' Mejju 1932 (fol. 154). Dan l-akkwist ghalhekk sar qabel iz-zwieg mal-konvenuta celebrat fis-27 ta' Ottubru 1934, skond kif kaptat mid-Denunzja a fol. 80;

Kif gja aktar 'il fuq rilevat l-imsemmi Joseph Attard kien akkwista fl-1955 minghand ibnu l-attur is-sehem li dan kellu *ope successionis* il-wirt ta' ommu. Hu dan is-sehem li jiffigura fost l-assi tal-komunjoni elenkati supra;

Jigi ghalhekk li s-sehem proprju tad-decujus akkwistat qabel iz-zwieg mat-tielet mara tieghu thalla kompletament barra. Dan is-sehem ghalhekk ta' hamsa minn erbatax-il parti, stmat elfejn erba' mija tlieta u tletin lira, sebgha u hamsin centezmu (Lm2433.57) irid jigi aggunt ma' l-assi ta' Joseph Attard biex b'hekk meta jinghadd mal-figuri fuq dettaljati (Lm18,343.03 u Lm1946.86) jaghti total attiv ta' tnejn u ghoxrin elf erba' mija u tlieta u sittin lira Maltija, sitta u erbghin centezmu (Lm22,463.46). Meta minn din is-somma jitnaqqas bhala passiv l-ispiza funerarja l-attiv nett hu ta' tnejn u ghoxrin elf, tliet mija u hamsa u sittin lira Maltija, sitta u erbghin centezmu (Lm22,365.46);

Kwantu ghall-assi ta' Anna Attard dawn jikkonsistu fin-nofs ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti (Lm18,343.03), u l-krediti riferibbilment ghar-rilevanza fuq accennata (Lm85.95) u ghall-ispiza tal-funeral (Lm98); b'kollox tmintax-il elf hames mija u sitta u ghoxrin lira, tnejn u disghin centezmu (Lm18,526.98);

L-attur ma wasalx biex jipprova dak minnu premess illi fost l-assi ta' missieru appartenenti lilu kienu jezistu ktieb tal-bank f'ismu stess kif ukoll curkett tad-deheb bl-inizjali tieghu. Din il-prova mhux biss ma wasalx ghaliha lanqas fuq bazi ta' probabilita` talli kwalunkwe menzjoni ghalihom hi mankanti mil-lista ta' l-affarijiet deskritti mill-Marixxal ezekutant fil-Mandat ta' Deskrizzjoni Numru 51/78. Wiehed logikament jifhem ukoll illi jekk kien hemm il-librett tal-bank pretiz mill-attur kull ma kellu jaghmel l-attur kien li jindaga mal-banek u jottjeni t-taghrif li xtaq dwaru. Dan seta' jaghmlu dakinhar stess li rritorna lura mill-Ingilterra pressapoco fl-1949 jew 1950, kif hekk jirrizulta mid-deposizzjoni tieghu a fol. 35 tal-process. Lanqas ma jirrizulta li hu talab lura dawn l-oggetti lil missieru ghalkemm fl kliemu stess "minn dak iz-zmien 'l hawn jien bqajt immur ghand missieri sakemm miet".

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tillikwida l-komunjoni ta' l-assi socjali konjugali bejn Joseph Attard u t-tielet mara tieghu Anna Attard fl-ammont komplessiv ta' sitta u tletin elf sitt mija u sitta u tmenin lira Maltija u seba' centezmi (Lm36,686.07);

Tilqa' t-tieni domanda billi tillikwida l-assi partikolari ta' l-imsemmi Joseph Attard fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, tliet mija u hamsa u sittin lira Maltija, sitta u erbghin centezmu (Lm22,365.46) bhala attiv nett;

Tilqa' t-tielet domanda u tillikwida l-assi partikolari tal-konvenuta Anna Attard fl-ammont ta' tmintax-il elf hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltija, tmienja u disghin centezmu (Lm18,526.98);

L-ispejjez tal-kawza jigu sopportati kwantu ghal nofs mill-konvenuta Anna Attard jew mill-eredi taghha u kwantu ghan-nofs l-iehor jithallsu bejn l-attur u l-kjamati fil-kawza skond il-proporzjon tas-sehem taghhom mill-eredita` ta' Joseph Attard.

---------------------------------TMIEM---------------------------------